Nru. 17,592
Prezz Lm18.56c
Price Lm18.56c

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

**It-Tlieta, 25 ta' Mejju, 2004**
**Tuesday, 25th May, 2004**

**Pubblikata b'Awtorità**
**Published by Authority**

ATT TA' L-2003 DWAR ELEZZJONIJIET ĠĦALL-PARLAMENT EWROPEW

**Avviż**

Skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 21 ta' l-Att ta' l-2003 dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi d-Dokumenti għall-Votazzjoni ndirizzati lill-persuni murija fl-iskeda li tinsab wara dan l-avviż ma ġewx notifikati għar-raġunijiet murija ħdejn kull isem.

C. L. De GABRIELE
*Kummissjonarju Elettorali Prinċipali*

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Il-25 ta' Mejju, 2004

**Riferenzi għad-Dokumenti għall-Votazzjoni li ma tqassmux**

A Rapportati mejta
B Ma nstabux fl-indirizz
C Il-votant rapportat li msiefer
D Rifjutat għax id-Dokument għandu ritratt ta' ħaddieħor
E Rifjutat mill-votant stess
F Raġunijiet oħra

Il-25 ta' Mejju, 2004

EUROPEAN PARLIAMENT ELECTIONS ACT, 2003

**Notice**

In pursuance of the provisions of sub-section (1) of section 21 of the European Parliament Elections Act, 2003, and in terms of the provisions of sub-section (5) of section 46 of the General Elections Act, 1991, the Electoral Commissioners notify that the Voting Documents addressed to the persons shown in the schedule following this notice, have not been served for the reasons shown against each name.

C. L. De GABRIELE
*Chief Electoral Commissioner*

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

25th May, 2004

**References to undelivered Voting Documents**

A Reported as deceased
B Not found at the address
C Voter reported as being abroad
D Refused because the Document has another person's image
E Refused by the voter himself
F Other reasons

25th May, 2004

**IN LINE WITH OUR PRIVATE POLICY THE LIST MENTIONED HEREUNDER WHICH CONTAINS PERSONAL INFORMATION IS NOT BEING DISPLAYED ONLINE**

EUROPEAN PARLIAMENT ELECTIONS ACT, 2003

List of Undelivered Voting Documents

## ATT TA' L-2003 DWAR ELEZZJONIJIET GĦALL-PARLAMENT EWROPEW

**Avviż**

Għall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 21 ta' l-Att ta' l-2003 dwar Elezzjonijiet Għall-Parlament Ewropew u skond is-subartikoli (6), (7) u (8) ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi d-Dokumenti għall-Votazzjoni li ma ġewx konsenjati jistgħu jiġu rtirati, fuq talba personali mill-persuni nteressati kemm-il darba huma jipproduċu l-karta ta' l-identità tagħhom, mingħand il-Kummissjonarji Elettorali f'kull ġurnata sa nhar il-Ħamis, l-10 ta' Ġunju, 2004, matul il-ħinijiet u fil-postijiet indikati hawn taħt, jiġifieri:–

Mill-Ħamis, is-27 ta' Mejju sas-Sibt, il-5 ta' Ġunju, 2004:
Mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m.
u mit-3.00 p.m. sat-8.00 p.m.

Il-Ħadd, it-30 ta' Mejju, 2004:
Mid-9.00 a.m. sas-2.00 p.m.

**Mill-Għases tal-Pulizija tal-lokalitajiet fejn l-eletturi huma reġistrati bħala votanti fir-Reġistru Elettorali ta' April, 2004.**

**Fil-lokalitajiet ta' Fontana, Iklin, Lija, Marsaskala, Pembroke, Pietà, Swieqi u Ta' Xbiex, id-Dokumenti għall-Votazzjoni għandhom jiġu rtirati mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali**

**u**

Mit-Tnejn, is-7 sal-Erbgħa d-9 ta' Ġunju, 2004:
Mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m. u
mit-3.00 p.m. sat-8.00 p.m.

Il-Ħamis, l-10 ta' Ġunju, 2004, l-aħħar jum:
Mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m. u
mit-3.00 p.m. sa nofs il-lejl

**MALTA – Mill-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, Valletta.**

**u**

**GĦAWDEX – Mill-Uffiċċju tal-Karta ta' l-Identità, 7A, Triq ir-Repubblika, ir-Rabat.**

C. L. De GABRIELE
*Kummissjonarju Elettorali Prinċipali*

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Il-25 ta' Mejju, 2004

## EUROPEAN PARLIAMENT ELECTIONS ACT, 2003

**Notice**

For the purposes of the provisions of sub-section (1) of section 21 of the European Parliament Elections Act, 2003, and in terms of sub-sections (6), (7) and (8) of section 46 of the General Elections Act, 1991, the Electoral Commissioners notify that undelivered Voting Documents may be withdrawn, by personal application by the persons concerned provided they produce their identity cards, from the Electoral Commissioners on any day up to Thursday, 10th June, 2004, during the hours and at the places shown hereunder, that is:–

From Thursday, 27th May to Saturday, 5th June, 2004:
From 9.00 a.m. to 1.00 p.m.
and from 3.00 p.m. to 8.00 p.m.

Sunday, 30th May, 2004:
From 9.00 a.m. to 2.00 p.m.

**From Police Stations of the localities where the electors are registered as voters in the April, 2004 Electoral Register.**

**In the localities of Fontana, Iklin, Lija, Marsaskala, Pembroke, Pietà, Swieqi and Ta' Xbiex, Voting Documents are to be withdrawn from the Office of the Local Council**

**and**

From Monday, 7th to Wednesday 9th June, 2004:
From 9.00 a.m. to 1.00 p.m. and
from 3.00 p.m. to 8.00 p.m.

Thursday, 10th June, 2004, last day:
From 9.00 a.m. to 1.00 p.m. and
from 3.00 p.m. to midnight

**MALTA – From the Office of the Electoral Commission, Evans Building, St Elmo Square, Valletta.**

**and**

**GOZO – From the Identity Card Office, 7A, Republic Street, Rabat.**

C. L. De GABRIELE
*Chief Electoral Commissioner*

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

25th May, 2004

## ATT TA' L-2003 DWAR ELEZZJONIJIET GĦALL-PARLAMENT EWROPEW

**Avviż**

Għall-finijiet tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 21 ta' l-Att ta' l-2003 dwar Elezzjonijiet Għall-Parlament Ewropew u skond l-artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi dawk il-persuni li isimhom ikun jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali rivedut, imma li ma jkunx jidher fil-lista pubblikata skond is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, u li ma jkunux irċevew id-Dokument għall-Votazzjoni jew li, wara li jkunu rċevew dak id-dokument, ikunu tilfuh jew iddistruġġewh, jistgħu japplikaw personalment għand il-Kummissjonarji Elettorali fl-Uffiċċju tagħhom, Evans Building, Misraħ Sant' Jiermu, il-Belt Valletta, u mal-produzzjoni tal-karta ta' l-identità tagħhom u fuq dikjarazzjoni bil-ġurament kif ikunu meħtieġa mill-Kummissjonarji Elettorali, għandhom jingħataw Dokument għall-Votazzjoni maħruġ speċjali. Dawk il-persuni jistgħu imorru l-Uffiċċju tal-Kummissjonarji Elettorali f'kull ġurnata, sa nhar l-Erbgħa, id-9 ta' Ġunju, 2004, fid-9.00 p.m., matul il-ħinijiet li jidhru hawn taħt, jiġifieri:–

Mit-Tnejn sas-Sibt:
Mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m. u
mit-3.00 p.m. sat-8.00 p.m.

Nhar ta' Ħadd:
Mid-9.00 a.m. sas-2.00 p.m.

L-Erbgħa, id-9 ta' Ġunju, 2004, l-aħħar jum:
Mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m. u
mit-3.00 p.m. sad-9.00 p.m.

Ngħarrfu wkoll illi dawk il-persuni li huma reġistrati bħala eletturi f'xi parti tar-Reġistru Elettorali li jirreferixxi għal Għawdex, jistgħu jirtiraw id-Dokument għall-Votazzjoni speċjali tagħhom fuq talba, bħalma hu speċifikat iżjed 'il fuq, mingħand il-Kummissjonarji Elettorali fl-Uffiċċju tagħhom, fl-Uffiċċju tal-Karta ta' l-Identità, 7A, Triq ir-Repubblika, ir-Rabat, matul il-ħinijiet li jidhru hawn fuq.

C. L. De GABRIELE
*Kummissjonarju Elettorali Prinċipali*

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Il-25 ta' Mejju, 2004

## EUROPEAN PARLIAMENT ELECTIONS ACT, 2003

**Notice**

For the purposes of the provisions of sub-section (1) of section 21 of the European Parliament Elections Act, 2003, and in terms of the provisions of section 47 of the General Elections Act, 1991, the Electoral Commissioners notify that those persons whose name appears in the last revised Electoral Register, but does not appear in the list published under sub-section (5) of section 46 of the General Elections Act, 1991, and who have not received the Voting Document or who, after the receipt of such document, have lost or destroyed it, may apply personally to the Electoral Commissioners at their Office, Evans Building, St Elmo Square, Valletta, and upon the production of their identity card and upon the making of any declaration on oath as may be required by the Electoral Commissioners, shall be given a special Voting Document. Such persons may call at the Office of the Electoral Commissioners on any day up to Wednesday, 9th June, 2004, at 9.00 p.m., during the hours shown hereunder, that is:–

Mondays to Saturdays:
From 9.00 a.m. to 1.00 p.m. and
from 3.00 p.m. to 8.00 p.m.

Sunday:
From 9.00 a.m. to 2.00 p.m.

Wednesday, 9th June, 2004, last day:
From 9.00 a.m. to 1.00 p.m. and
from 3.00 p.m. to 9.00 p.m.

It is further notified that those persons who are registered as voters in any part of the Electoral Register which relates to Gozo, may withdraw their special Voting Document on application, as specified above, from the Electoral Commissioners at their Office, at the Identity Card Office, 7A, Republic Street, Rabat, during the hours shown above.

C. L. De GABRIELE
*Chief Electoral Commissioner*

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

25th May, 2004

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*